MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1601/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizz ta'l-Ilma f'isimha propju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Joseph Bonnici**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici tablet hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u sittin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm369.40) rapprezentanti konsum u kera ta' meters ta'l-ilma u ta'l-elettriku fil-fond BBK Garage, Triq Mahatma Ghandi Fgura u fil-fond 2 Triq ic-Cawsli San Gwann, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittri ufficjali datata 22 ta' Settembru 2004 u tas-16 ta' Gunju 2004.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fid-9 ta’ Awissu 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta’ tlett mija u disgha u sittin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm369.40) b’l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------